MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 807/1995/2

**Catherine Schembri gja Baldacchino u b'digrieti ta' din il-Qorti tat-22 ta' Awissu 2006 u tal-1 ta' Frar 2007 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-okkju billi wara l-isem ta' l-attrici jizdiedu l-kliem illum assistita mill-kuratur taghha Dr Godfrey Farrugia**

**vs**

**Joseph Baldacchino**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attrici fis-16 ta' Gunju, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-kontendenti iccelebraw iz-zwieg fil-Knisja Parrokjali tas-Siggiewi fil-21 ta' Dicembru 1974, liema zwieg gie

dikjarat null b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' 20 ta' Mejju 1991;
Illi l-partijiet baqghu ma llikwidawx l-kommunjoni ta' l--akkwisti ezistenti bejniethom mid-data taz-zwieg u ghalhekk ghad ghandhom diversi oggetti mobbli u immobbli, li ghadhom in kompropjeta;

Illi l-esponenti ghandha propjeta taghha dotali u parafernali li bhalissa tinsab fid-dar gia matrimonjali, go liema dar bhalissa qieghed jghix il-konvenut;

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l--istess att;
(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u parafernali inkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' deskrizzjoni tad-9 ta' Gunju 1995, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi hu ma jopponix li tigi xolta l-kommunjoni u li tigi verifikata l-konsistenza tal-istess u li wara dan issir il-qasma bejn tnejn u l-assenjazzjoni skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti u d-dokumenti li gew esebiti;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-attrici tal-14 ta’ Gunju, 2004;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-konvenut tat-23 ta’ Awissu, 2007;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum;

Ikkunsidrat :

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ April, 1998 li permezz tieghu hatret lil Perit Frederick Doublet u lis-Sur Alfred Camenzuli sabiex rispettivament jaghmlu valutazzjoni tal-imsemmija immobbli u cioe id-dar konjugali u garaxx u tal-mobbli illi hemm fid-dar konjugali, kif ukoll il-vettura.

Rat ir-relazzjoni ikkonfermata mill-Perit Tekniku Frederick Doublet waqt is-seduta tas-7 ta’ Dicembru 1998.

Rat ir-relazzjoni ikkonfermata mill-Perit Tekniku Alfred Camenzuli waqt is-seduta tal-20 ta’ Mejju, 1999.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici intavolat il-kawza odjerna sabiex titlob il-likwidazzjoni u qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti. L-attrici u l-konvenut kienu izzewwgu fil-21 ta’ Dicembru 1974 u iz-zwieg taghhom kien gie dikjarat null b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-20 ta’ Mejju, 1991.

Illi l-konvenut jikkontendi li huwa gie ingannat mill-attrici peress illi skond hu kienet taf li tbaghti mill-marda tal-‘schizophrenia’ qabel iz-zwieg u skond il-konvenut una volta illi z-zwieg gie annullat u skond hu hemm ‘mala fede’ da parti ta’ l-attrici, il-kommunjoni ta’ l-akkwisti ma tapplikax u l-effetti taghha jigu xolti wkoll.

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet jaqblu t-tnejn illi bazikament il-kommunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti, fil-qofol taghha, fid-dar matrimonjali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Mejju, 1991 illi permezz taghha iz-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null.

Illi minn imkien f'din is-sentenza ma jirrizulta illi z-zwieg gie vizjat minhabba qerq da parti ta' l-attrici. Iz-zwieg gie annullat minhabba illi l-attrici kienet issofri minn marda ta' 'schizophrenia' meta izzewwget, izda bl-ebda mod ma gie ippruvat illi l-istess attrici kienet taf li kienet issofri b'din il-marda u illi hbiet dan il-fatt lill-konvenut u ghaldaqstant ma gietx ippruvata 'mala fede' da parti ta' l-attrici.

Illi t-tieni allegazzjoni li ghamel il-konvenut kienet illi huwa xtara d-dar konjugali bil-flus parafernali tieghu peress illi kien jahdem l-Awstralja, kien gemma l-flus u kien uzahom sabiex xtara d-dar konjugali.

Illi pero' l-konvenut ma irnexxielux irressaq prova sufficjenti sabiex jipprova l-allegazzjoni tieghu. Anzi, mill-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-imsemmija dar matrimonjali, irrizulta li din id-dar inxtrat matul iz-zwieg u ma hemm imkien imnizzel fil-kuntratt illi sabiex inxtrat id-dar intuzaw flus illi kienu parafernali ghall-konvenut u ghaldaqstant il-konvenut lanqas ma irnexxielu jipprova din l-allegazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti ezaminat u fliet bir-reqqa ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji minnha mahtura, tara li ma hemm l-ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex taccetta dawn ir-relazzjonjijiet u ghalhekk tiddikjara li qeghda taddottahom u taghmilhom bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Frederick Doublet spezzjona il-fond “Hillbank” Notabile Road Siggiewi u l-garaxx minghajr isem anness ma l-istess post.

Illi dawn iz-zewg fondi, kif diga intqal, inxtraw matul iz-zwieg u ghalhekk jappartjenu lill-kommunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi l-Perit Frederick Doublet ta stima ta’ tnejn u ghoxrin elf lira (LM22,000) ghar-rigward tal-fond “Hillbank” Notabile Road Siggiewi, izda il-Qorti tirrileva illi din l-istima saret f’Lulju tas-sena 1998 u cioe’ disa snin ilu.

Ikkunsidrat :

Illi minkejja l-fatt illi fil-31 ta’ Mejju 2005 kien rega’ gie innominat l-istess Perit Tekniku u cioe’ il-Perit Frederick Doublet sabiex jerga jivvaluta dan il-fond, l-Avukat difensur ta’ l-attrici kien informa lill-Qorti illi kienu inbdew proceduri mill-Avukat Generali sabiex l-attrici tigi disabbilitata u ghalhekk l-istess Avukat difensur talbet is-sospenzjoni ta’ l-inkarigu moghti lill-Perit Tekniku u l-Qorti laqghet it-talba u issospendiet l-inkarigu.

Illi meta sar ir-rikors ta’ l-attrici tal-21 ta’ Awissu, 2006 sabiex il-kawza tigi riappuntata  u sabiex issir korrezzjoni fl-okkju biex jirrifletti l-appuntament tal-kuratur Dr Godfrey Farrugia biex jassisti lill-attrici, il-Qorti laqghet din it-talba u irrappuntat il-kawza, izda f’dan ir-rikors ma kien hemm l-ebda talba sabiex il-Qorti terga tinkariga lill-Perit Doublet sabiex jivvaluta d-dar konjugali u sfortunatament ghalhekk l-istima li ghandna hija dik li saret fis-sena 1998.

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Doublet esebixxa flimkien mar-relazzjoni tieghu kopja ta’ kuntratt datat 30 ta’ Novembru 1988, u permezz ta’ dan il-kuntratt, il-konvenut biegh il-garaxx bla isem anness mal-fond “Hillbank” Notabile Road, Siggiewi.

Illi minn dan il-kuntratt irrizulta illi l-konvenut biegh dan il-garaxx ukoll proprjeta tal-kommunjoni tal-akkwisti, ghall-prezz ta’ elf lira (LM1,000).

Illi l-Perit Gudizzjarju Alfred Camenzuli, illi kellu jaghmel stima ta’ l-oggetti mobbli, kif ukoll tal-vettura, wasal ghall-konkluzzjoni illi l-valur tal-vettura Hyundai Stellar bin-numru tar-registrazzjoni DAN 674 huwa ta’ cirka tlett telef u hames mitt lira (LM 3,500) u dwar l-oggetti mobbli li ghadhom jezistu u li jinsabu fil-pussess ta’ l-imsemmi konvenut, dawn jammontaw flimkien ghas-somma ta’ cirka elf sitt mija u ghoxrin lira (LM1,620).

Illi fic-cirkostanzi kollha il-Qorti tikkunsidra gusta u xierqa is-segwenti assenjazzjoni :

(1) Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta’ hdax il-elf lira (LM 11,000) rapprezentanti sehemha, u cioe’ nofs, il-valur tad-dar “Hillbank” li illum ghandha l-isem “Joe Jane” Notabile Road Siggiewi.

(2) Il-konvenut ghandu jhallas ukoll lill-attrici is-somma ta’ hames mitt lira (LM 500) rapprezentanti sehemha u cioe’ nofs mill-garaxx li huwa biegh fit-30 ta’ Novembru 1988 ghall-prezz ta’ elf lira (LM 1,000).

(3) Il-konvenut ghandu jhallas ukoll lill-attrici nofs il-valur ta’ l-oggetti mobbili u cioe’ is-somma ta’ tmien mija u ghaxar liri (LM810).

(4) Il-konvenut ghandu jhallas ukoll lill-attrici is-somma ta’ elf seba’ mija u hamsin lira (LM 1,750); liema somma tirrapprezenta sehemha u cioe’ in-nofs tal-valur tal-vettura Hyundai Stellar bin-numru tar-registrazzjoni DAN 674.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici b’dan il-mod : billi tilqa l-ewwel talba u tiddikjara xolta il-kommunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u b’hekk tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici is-somma komplessiva ta’ erbaghtax il-elf u sittin lira (LM 14,060); liema somma tirrapprezenta il-porzjoni li tappartjeni lill-attrici mill-imsemmija kommunjoni ta’ l-akkwisti. Il-Qorti

qeghda tilqa wkoll it-tieni talba attrici fis-sens illi minflok tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u parafernali inkluzi flus, ordnat illi il-konvenut ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif gie likwidat kif diga intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

F’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------